


# L-Istatwa ta' Malta Gwerriera, il-Pedestall tagħha u l-Artisti tagħhom... 130 Sena Wara

**Ray Zammit**

*Proprju fl-1886 f'Ħal Luqa żżanżnet statwa ġdida xogħol l-istatwarju magħruf Karlu Darmanin li mal-mixja tas-snin għall-kapaċitajiet tiegħu sar magħruf bħala "Il-Princep tal-Istatwarji Maltin". Din l-istatwa ta' Malta Gwerriera tissemma fil-kotba tal-istorja ta' Pietru Pawl Castagna, "L-Istorja ta' Malta bil-gżejjer tagħha". Fil-ktieb tal-awturi Stanley Mangion u Christopher Magro, "Karlu Darmanin: Il-Prinċep tal-Istatwarji, Ħajtu u Ħidmietu" din l-istatwa tissemma wkoll, iżda sfortunatament l-awturi jagħmlu żball kbir meta kitbu li din l-istatwa x'aktarx li spiċċat maż-żmien.*

*Marbut ma' din l-istatwa nsibu wkoll xogħol artistiku ieħor, il-kolonna li tintrama fuqha l-istess statwa. Sintendi dan ix-xogħol artistiku ta' Karlu Darmanin kien jixraqlu kolonna daqstant ieħor sabiħa u għal dan il-għan kien avviċinat iż-żagħżugħ Ħalluqi Andrea Vasssallo. Dan iż-żagħżugħ, maż-żmien ngħata l-warrant ta' Perit u sar ferm magħruf għax-xogħlijiet tiegħu, tant li kien meqjus bħala "Ġenju fl-Arti Arkitettonika".*

*Din l-istatwa, flimkien mal-kolonna tagħha, huma ġawhar għall-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, u proprju f'dan l-anniversarju hekk sabiħ, ħassejt li kelli nagħti ħarsa ħafifa lejn il-ġrajjiet marbuta magħhom u l-artisti tagħhom.*

**Statwa ta' Malta Gwerriera f'Ħal Luqa**

Karlu ħadem għall-Isla statwa ta' Malta Rebbieħa, flimkien ma' erba' figuri oħra ta' lsiera Torok. Sfortunatament din spiċċat u flokha nħadmet oħra aktar riċenti, u llum baqa' biss l-erba' figuri tat-Torok. Għal Ħal Luqa kienet ġiet ordnata statwa ta' Malta Gwerriera mill-membri tas-*Societa 'Filarmonica San Andrea* sabiex tintrama fil-jiem tal-festa ta' Sant'Andrija u kienet lesta fis-sena 1886. Għalkemm kien hemm xi membri li xtaqu li ssir statwa ta' Santa Massimilla minħabba r-rabta tagħha mal-martirju tal-Appostlu Sant'Andrija, l-maġġoranza qablu li għandha ssir statwa ta' Malta forsi minħabba l-fatt li fis-sena 1885 kien qed jitfakkar it-320 sena mir-rebħa tal-Maltin u l-Kavallieri fuq it-Torok fl-Assedju l-Kbir u forsi anki minħabba li f'diversi rħula oħra madwar Malta kienu qegħdin jagħmlu

dawn l-istatwi b'sens ta' patrijottiżmu hekk kif il-Maltin kienu qegħdin jixxenqu għal aktar libertà kostituzzjonali. Iżda filwaqt li l-istatwi l-oħra aktarx kollha jippersonifikaw lil Malta bħala tfajla rebbieħa bil-bandiera Maltija, l-istatwa li tinsab Ħal Luqa, Malta hi personifikata bħala mara gwerriera bit-tarka u x-xabla f'idha l-leminija sabiex tiddefendi lill-Gżejjer Maltin u l-poplu tagħhom mill-għadu. Pietru Pawl Castagna fil-kotba tiegħu *L-istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha* jsemmi li f'Ħal Luqa nsibu statwa ta' Malta xogħol Karlu Darmanin. F'ritratti antiki naraw din l-istatwa armata fuq il-kolonna tagħha disinn ta' Andrea Vassallo, fil-bidu ta' Triq id-9 ta' April 1942, f'Misraħ Sant'Andrija u f'nofs Misraħ il-Knisja. Matul is-snin, speċjalment matul it-Tieni Gwerra Dinjija, din ġarbet xi ħsarat u ġiet restawrata minn Karmenu Robinich. Bejn l-1979 u l-1994 din l-istatwa ma kinitx baqgħet tintrama fuq il-pedestall tagħha fil-pjazza fil-ġranet tal-festa. Eventwalment din reġgħet ġiet restawrata mill-Ħalluqi Carmelo Fsadni u llum wara 130 sena din għadha tittella' fuq il-pedestall oriġinali tagħha għad-daqq tal-innu ddedikat lilha ta' Mro Vincenzo Caruana Spiteri. Din l-istatwa hi ferm għal qalb il-membri tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija u aktarx li hi l-unika statwa ta' Malta, xogħol Karlu Darmanin li fadal fil-gżejjer Maltin.

Din is-sena l-membri tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ħasbu sabiex tkun restawrata l-kolonna artistika tagħha li kienet inħadmet mill-membri tal-istess Soċjetà fosthom Ġan Patist Cremona u Pietru Zammit taħt id-direzzjoni tal-Perit Vassallo. Persważ li d-dehra l-ġdida li qed tingħata din il-kolonna ser tagħti ġieħ lil missirijietna.

Issa tajjeb li nagħti ħarsa ħafifa lejn l-artisti li fasslu u sawwru din l-opra 130 sena ilu.

**Karlu Darmanin (1825-1909)**

Karlu Darmanin li aktar 'il quddiem, f'ħajtu, kien magħuf bħala *Il-Karlozz*, twieled l-Isla fit-30 ta' Awwissu 1825, iben Ġużeppi u Maria née Cumbo.

Il-bidu tat-taħriġ tiegħu, flimkien ma' ħuh Giovanni, li kien sitt snin ikbar minnu, kien fil-ħanut tax-xogħol ta' missieru li kellu l-Isla, bl-isem ta' Giuseppe Darmanin e Figli. Hemm tħarrġu ma' missierhom bħala marmisti u fost ix-xogħlijiet tal-irħam li kienu jaħdmu, bħal altari, fontijiet tal-magħmudija u baqgħu msemmijin għall-ġmiel ta' lapidi tal-oqbra li kienu jagħmlu. Fil-fatt, bejn l-1838 u l-1841, dawn ħadmu l-altar maġġur li konna nsibu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa qabel l-aħħar gwerra. Dan inħadem fuq disinn ta' Giovanni u bejn l-1870 u l-1877 ħadmu wkoll l-paviment tal-presbiterju u tal-kor. F'nofs il-presbiterju konna nsibu l-arma ta' Sant'Andrija fit-tond bil-kliem bil-Latin li kien jaqra "Għamlu l-poplu ta' Ħal Luqa" filwaqt li f'nofs il-kor kien hemm arma fit-tond li kienet turi ktieb, stola u berettin bil-kliem bil-Latin "Tah il-kleru ta' Ħal Luqa". Jidher però li ċertu wieħed Sqalli fetaħ ħanut ta' marmista u dan spiċċa kompetitur kbir għad-ditta Darmanin u dan wassal sabiex l-aħwa Darmanin issoktaw jaħdmu fil-kartapesta jew kif kienet magħrufa dak iż-żmien, fil-plastika. Ħuh, Giovanni, kien l-aktar fost l-aħwa li baqa' jissemma bħala statwarju wara Karlu. Għalkemm Karlu Darmanin baqa' l-aktar magħruf għall-istatwi tiegħu tal-Ġimgħa l-Kbira, huwa ħadem bosta statwi oħra sbieħ fosthom ħames statwi Titulari u li tlieta minnhom għadna ngawdu l-ġmiel tagħhom sal-ġurnata tal-lum. Fl-1863 lesta għar-raħal ta' Sannat fil-gżira t'Għawdex, statwa ta' Santa Margerita. L-istatwa titulari tas-Salvatur f'Ħal Lija tlestiet fl-1864 u swiet mitt lira sterlina. Darmanin kien ħadem ukoll l-istatwa ta' San Leonardu, għal Ħal Kirkop fl-1877. L-istatwa ta' San



Dehra tal-istatwa ta' Malta Gwerriera fis-sala tal-każin mal-membri tal-kumitat u l-familjari tagħhom fis-sena 1916

Gejtanu, li tinstab fil-knisja parrokkjali tal-Ħamrun hija wkoll statwa sabiħa ta' dan l-istatwarju. L-aħħar statwa titulari li ħadem Karlu hi dik ta' San Ġiljan, il-kuntratt kien sar nhar id-19 t'Ottubru 1892. Kif semmejna qabel, l-isem ta' Karlu Darmanin hu marbut ma' diversi vari sbieħ tal-Ġimgħa l-Kbira. Ma jistax wieħed ma jsemmiex b'mod partikolari il-vara ta' Kristu fl-Ort li kienet inħadmet għall-knisja parrokkjali ta' Bormla fl-1878. Sett tradizzjonali tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kien f'dak iż-żmien jikkonsisti fi tmien stazzjonijiet; kien Darmanin li ħadem l-ewwel vara tal-Bewsa ta' Ġuda għall-knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi fl-1903 u baqgħet unika fil-gżejjer tagħna sal-1962 meta żżanżnet vara simili fil-paroċċa taż-Żejtun. Għall-purcissjoni ta' Ħal Luqa ħadem l-erba' anġli ta' mal-monument u l-kurċifiss tal-Vara l-Kbira.

Karlu kellu għal qalbu wisq is-suġġett Marjan, xiehda ta' dan huwa n-numru sabiħ ta' statwi tal-Madonna li ħadem matul is-snin. Darmanin ħadem diversi statwi reliġjużi oħra għall-festi sabiex jintramaw fuq barra, fosthom numru kbir ta' anġli, wħud b'kandilabri tad-dawl, oħrajn bi skudetti b'armi fuqhom u oħrajn b'simboli tal-qaddis patrun tar-raħal f'idhom. Ħadem ukoll xi statwi b'suġġetti mhux reliġjużi u hawn tidħol f'dan il-ġeneru l-istatwa li tirrappreżenta lil Malta Gwerriera li nsibu f'Ħal Luqa.

Karlu Darmanin miet fl-għomor ta' 84 sena fid-dar tiegħu l-Ħamrun nhar il-25 ta' Novembru 1909.

**Il-Perit Andrea Vassallo (1856-1928)**

Il-ġenju ta' dan il-Ħalluqi fl-arti arkitettonika tidher ċara meta wieħed isir jaf li Andrea Vassallo qatt m'għamel kors tal-arkitettura, u kien jipprattika l-professjoni ta' perit b'suċċess kbir. Twieled fit-2 ta' Jannar 1856 minn Salvu (mgħallem tal-ġebel) u martu Katerina, née Sammut. Kien it-tieni fost ħutu l-oħra: Ġużeppi, Karmnu, u Ġanni.

Fl-1877, meta ġie deċiż li titwaqqaf statwa ta' Sant'Andrija fi Triq il-Karmnu (fejn għadha tinsab illum), id-disinn tal-pedestall u tal-istatwa tħallew f'idejn iż-żagħżugħ Andrea, li ħadem ukoll l-iskultura li hemm fl-istess pedestall.

Fl-1887, Andrè Vassallo laħaq *clerk of works* fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u fl-1908 il-Gvernatur Sir H. F. Grant, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-



L-Istatwa ta' Malta Gwerriera armata f'nofs Misraħ il-knisja fil-festi speċjali li saru fl-okkażjoni tas-sede l-ġdida tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija f'Misraħ il-Knisja - 1952

Eżamijiet tal-Periti, tah il-*warrant* ta' perit.

Il-perit Andrè Vassallo ddisinja diversi vilel, istituti, xogħol għall-knejjes, monumenti u fost dawn kollha anki l-isptar tal-*Blue Sisters*. Għad-disinn kien surmast u hekk insibuh imdaħħal fit-tħejjijiet għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913 li kien sar f'Malta. Fost ix-xogħlijiet li ħejja kien hemm l-ark trijonfali li kienu waqqfu f'Putirjal (fl-entratura tal-Belt Valletta) u t-tribuna li minnha ngħatat il-barka sagramentali. Kien ukoll wieħed mill-membri distinti fil-Kumitat Nazzjonali li twaqqaf sabiex jingħażel u jitwettaq il-monument f'ġieħ Kristu Sultan fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku. F'ritratt kommemorattiv il-Perit Vassallo jidher bilqegħda fuq quddiem flimkien ma' għad ta' personalitajiet distinti oħra fil-qasam kulturali u artistiku ta' Malta ta' dak iż-żmien, flimkien mal-iskultur Antonio Scortino li wettaq l-opra artistika ta' Kristu Sultan li għadha titgawda fil-Furjana.

Però il-kapulavur tal-perit Vassallo hi l-knisja tal-Madonna ta' Pinu fil-limiti tal-Għarb, Għawdex, fuq stil lombardo-romanesk. Dan id-disinn kien għall-wiri f'April tal-1919 u l-ewwel ġebla kienet tqiegħdet fit-30 ta' Mejju 1920.

Andrè Vassallo ma kellux ix-xorti jara dan ix-xogħol lest minn kollox, għaliex miet fl-isptar tal-*Blue Sisters* fil-21 ta' Jannar 1928.

**Referenzi:**


Joseph Micallef Dun, *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha*, Malta 1975

Jesmond Grech, *L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija: Twelidha u Ġrajjietha*, Malta 2008

J.C. Camilleri, *Il-Mument*, 12/1/2003

Albert Micallef, *Karlu Darmanin 1825-1909*

Stanley Mangion u Christopher Magro, *Karlu Darmanin: Il-Prinċep tal-Istatwarji, Ħajtu u Ħidmietu*, Malta 2011

Gerald Bugeja, *The Lost Album Antonio Scortino*, Malta 2015


Sabiex infakkru dan l-anniversarju fil-paġni li ġejjin ser naraw diversi ritratti li juruna fejn kien jintrama l-pedestall tal-istatwa ta' Malta Gwerriera matul iż-żminijiet.



Dehra tal-knisja ta' Ħal Luqa fil-festa ta' Sant'Andrija 1919, fejn tidher armata l-istatwa ta' Malta Gwerriera fid-daħla ta' Triq id-9 ta' April 1942



Żewġ ritratti tal-istatwa ta' Malta Gwerriera armata fi Pjazza Sant'Andrija fejn illum hemm l-uffiċċju tan-Nutar l-Onor. Charles Mangion







(Lemin) L-istatwa fi Triq ir-Rixtellu waqt il-marċ ta' filgħodu meta kienu saru festi speċjali fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-każin il-ġdid u (fuq) l-istatwa ta' Malta Gwerriera armata f'nofs Misraħ il-knisja quddiem is-sede l-ġdida tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija



L-istatwa ta' Malta Gwerriera f'nofs il-marċ tradizzjonali mill-Banda Sant'Andrija lejliet il-festa tas-sena 1969 qabel ittellgħet fuq il-pedestall tagħha.





Żewġ ritratti li juru membri tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija qabel il-marċ ta' lejliet il-festa flimkien mal-istatwa ta' Malta Gwerriera u t-tlugħ brijjuż tal-Istatwa fuq il-kolonna tagħha fl-1969





Fl-okkażjoni tal-festi speċjali li saru f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, l-istatwa ta' Malta Gwerriera ntramat f'nofs il-Pjazza Sant'Andrija fuq il-pedestall tal-istatwa ta' Maximilla



Marċ bl-istatwa ta' Malta Gwerriera waqt programm televiżiv "Il-Ħadd mal-Maltin" li sar nhar il-Ħadd 16 ta' Jannar 1994



L-istatwa ta' Malta Gwerriera parti mix-xenarju ta' waħda mill-iljieli Maltin 'Lejla a' la Ħalluqija' fis-sena 1997



L-istatwa ta' Malta Gwerriera kif tintrama llum f'nofs Misraħ il-Knisja